MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-11 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 738/2002

**Borg Transportation Ltd**

**vs**

**Goliath Developments Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ tlett elef seba’ mija hamsa u sebghin Lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm3,775.26) rapprezentanti prezz ta’ “diesel” mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta’ konvenuta mis-socjeta attrici u dan kif jirrizulta mill-prospett anness mal-avviz u mmarkat (DOK BT1) u dan oltre l-imghaxijiet minn dati tal-fatturi relattivi sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjes komprizi dawk ta’ l-ittra bonarja tal-21 ta’ Novembru 2002 (DOK BT2) u tal-mandat ta‘ sekwestru

prezentat mal-avviz kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi a fol 2 u 3 u markati Dok BT1 u Dok BT2.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjet' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fit-28 ta' Jannar 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm3775.26,0 bl-imghaxijiet legali "a scaletta" skond id-dati tal-fatturi kif murija fuq l-anness Dok BT1 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-21 ta' Novembru 2002.

--------------------------------TMIEM--------------------------------